



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 126/25

Il-Lussemburgu, 18 ta' Settembru 2025

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża magħquda C-188/24 | WebGroup Czech Republic u NKL Associates, u C-190/24 | Coyote System

Avukat Ġenerali Szpunar: miżura li tikkostitwixxi korollarju tad-dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali jew neċessarja sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-kontrolli fit-toroq taqa' taħt il-prinċipju ta' pajjiż tal-orġini previst fid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku

Il-leġiżlazzjoni Franċiża tirrestrinġi ċerti servizzi diġitali sabiex tipproteġi l-ordni u s-sigurtà pubblika. Hija tipprojbixxi b'mod partikolari l-ġhoti ta' aċċess lil minuri għal websites pornografiċi u timponi fuq l-edituri ta' tali websites l-obbligu li jimplementaw arranġamenti tekniċi intiżi li jipprevjenu tali aċċess. Hija tillimita wkoll is-servizzi ta' assistenza għas-sewqan permezz ta' ġeolokalizzazzjoni, u tipprojbixxi l-indikazzjoni ta' ċerti kontrolli fit-toroq. Dawn il-miżuri huma implimentati permezz ta' żewġ digriet, li tagħhom qiegħed jintalab l-annullament quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) f'żewġ kawżi separati.

Fil-Kawża C-188/24, il-kumpanniji Webgroup Czech Republic u NKL Associates, stabbiliti fir-Repubblika Ċeka, isostnu li l-leġiżlazzjoni Franċiża tikser il-prinċipju ta' "pajjiż tal-orġini" previst fid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku ¹, li jipprovdi li, f'dak li jirrigwarda r-rekwiżiti li jaqgħu taħt il-"qasam ikkoordinat", is-servizzi jiġu rregolati mil-liġi tal-Istat ta' stabbiliment.

Fil-Kawża C-190/24, il-kumpannija speċjalizzata fl-assistenza għas-sewqan Coyote System, stabbilita fi Franza, tqis li l-projbizzjoni ta' indikazzjoni ta' ċerti kontrolli fit-toroq tmur kontra l-prinċipju ta' "pajjiż tal-orġini" u tistabbilixxi obbligu ta' sorveljanza pprojbit mid-Direttiva.

Il-Kunsill tal-Istat adixxa lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jistaqsi b'mod partikolari jekk l-obbligu impost fuq l-edituri tas-servizzi online jaqax taħt il-"qasam ikkoordinat" ² tad-Direttiva, u jekk dan il-qasam ikopri l-projbizzjoni imposta fuq is-servizzi ta' assistenza għas-sewqan.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-Illum, l-Avukat Ġenerali Maciej Szpunar jipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni fis-sens li l-qasam ikkoordinat iddefinit mid-Direttiva **jinkludi l-obbligu impost fuq l-edituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni online li jimplementaw arranġamenti tekniċi sabiex ma jkunx possibbli li l-minuri jaċċedu għal kontenuti pornografiċi**. huwa jqis ukoll li dan il-qasam jinkludi **projbizzjoni imposta fuq l-operaturi ta' servizzi elettroniċi ta' assistenza għas-sewqan jew għan-navigazzjoni permezz ta' ġeolokalizzazzjoni milli jxandru kwalunkwe messaġġ jew kwalunkwe indikazzjoni min-naħa tal-utenti li jkunu jistgħu jippermettu li l-utenti l-oħra jevitaw kontrolli fit-toroq**. Fil-fehma tiegħu, dan jgħodd minkejja ċ-ċirkustanza li dawn l-obbligi ma jirrigwardaw l-ebda wieħed mill-oqsma rregolati mid-dispożizzjonijiet ta' armonizzazzjoni ta' din id-direttiva.

L-Avukat Ġenerali jqis li l-miżuri adottati minn Franza ma humiex esklużi mill-qasam ikkoordinat biss għar-raġuni li dawn jikkostitwixxu, rispettivament, korollarju ta' dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali u miżura neċessarja sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-kontrolli fit-toroq imwettqa sabiex jitwaqqfu persuni mfittxija għal reati jew li jkunu

jirrappreżentaw theddida għall-ordni jew għas-sigurtà pubblika.

Fir-rigward tal-kawża WebGroup Czech Republic u NKL Associates, huwa josserva li l-arranġamenti ta' protezzjoni tal-minuri previsti mid-dritt tal-Unjoni, frott ta' qbil bejn l-Istati Membri, huma diġà rregolati b'mod partikolari minn deroga prevista fid-Direttiva ³, b'tali mod li ma huwiex possibbli li dan il-mekkaniżmu jiġi evitat sabiex jiġu imposti obbligi li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet ġenerali u astratti fuq il-fornituri tas-servizzi.

Barra minn hekk, fil-Kawża Coyote System, l-Avukat Ġenerali jfakkar li t-tielet domanda tirrigwarda dispożizzjoni ⁴ tad-Direttiva li tapplika biss meta l-fornitur jiġi kklassifikat bħala wieħed li jipprovdi "hosting". Madankollu, is-servizz ta' ġeolokalizzazzjoni ta' Coyote System ma jikkorrispondix għad-definizzjoni ta' hosting: dan ma jaħżinx u jxandar id-data biss kif ipprovduta, iżda jittrasformaha bis-saħħa ta' algoritmu u ta' saff ġdid ta' informazzjoni, b'tali mod li l-imsemmija dispożizzjoni ma hijiex applikabbli għal dan is-servizz.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom il-possibbiltà li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew deċiżjoni dwar ilvalidità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili. Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva 2000/31/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku).

² Il-qasam ikkoordinat jikkorrispondi għar-reqwiżiti previsti mis-sistemi ġuridiċi tal-Istati membri u applikabbli għall-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, kemm jekk dawn ikunu ta' natura ġenerali kif ukoll jekk dawn ikunu tfasslu speċifikament minnhom.

³ Artikolu 3(4).

⁴ Artikolu 15, li jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jimponu obbligu ta' sorveljanza ġenerali u permanenti fuq il-hosts.